

Brussell, 10 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14779/21

INST 443
POLGEN 199
AG 118

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Programmazzjoni Leġislattiva: Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2022

1. Skont il-paragrafu 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹: "*Wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u abbażi tiegħu, it-tliet Istituzzjonijiet ser ikollhom skambju ta' fehmiet dwar inizjattivi għas-sena li ġejja u ser jaqblu fuq dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali ("dikjarazzjoni konġunta"), li għandha tiġi ffirmata mill-Presidenti tat-tliet Istituzzjonijiet."*
2. Il-Kummissjoni adottat il-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2022 fid-19 ta' Ottubru 2021². Il-Programm ta' Ħidma ġie ppreżentat lill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-23 ta' Novembru 2021.
3. Sussegwentement, il-Presidenza, flimkien maż-żewġ Presidenzi li jmiss, innegozjat l-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Fis-6 ta' Diċembru 2021, intlaħaq ftehim proviżorju dwar it-test.
4. Fit-8 ta' Diċembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Dikjarazzjoni Kongunta³.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

² 13003/21 + ADD 1.

³ 14130/21.

5. Il-Kunsill huwa għaldaqstant mistieden japprova t-test tad-Dikjarazzjoni Konġunta li tinsab fl-Anness għal din in-nota.
 6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.
 7. Wara li tiġi ffirmata mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u l-President tal-Kummissjoni, id-Dikjarazzjoni Konġunta ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

Prijoritajiet Leġiżlattivi tal-UE għall-2022

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

Matul dawn l-aħħar sentejn, l-Unjoni tagħna ffaċċjat l-effetti estensivi tal-pandemija tal-COVID-19, flimkien ma' konsegwenzi diżastrużi dejjem aktar apparenti tat-tibdil fil-klima u avvenimenti dinjija ta' tfixkil. Urejna li billi naġixxu flimkien, malajr u b'mod deċiżiv, nistgħu negħlbu sfidi determinanti bħal dawn.

Bl-għajjnuna tal-baġitt fit-tul tal-UE 2021-2027, ta' NextGenerationEU, u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-qalba tiegħu, l-ekonomija tal-Ewropa hija mbassra li tirpilja aktar malajr milli kien mistenni fil-bidu. Dawn l-istrumenti storiċi jipprovdu l-possibbiltà unika li noħorġu aktar b'saħħitna mill-kriżi kkawżata mill-pandemija, nagħmlu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna aktar ġusti, aktar ekoloġiċi, aktar diġitali, u noħolqu opportunitajiet u impjiegi għal Ewropa li ċ-ċittadini tagħna jridu jgħixu fiha.

Dik il-viżjoni strateġika għal Unjoni rivitalizzata u aktar reżiljenti, minquxa fl-ewwel Konklużjonijiet Konġunti li qatt kellna bejn it-tliet istituzzjonijiet tagħna dwar objettivi u prijoritajiet ta' politika għall-2020-2024⁴, ser tkompli tiggwidana. It-titjib tar-reżiljenza tal-UE, inkluż fis-saħħa u ċ-ċibersigurtà, ser ikun kruċjali biex din it-trasformazzjoni ssir realtà tanġibbli. Biex niddefendu aħjar l-interessi u l-valuri tagħna u ngħinu fit-tiswir tal-ambjent globali l-ġdid, jenħtieġ li nsaħħu l-kapaċità tal-Ewropa li taġixxi b'mod awtonomu u l-influwenza globali tagħna. Fl-interess tal-futur tal-Ewropa, jeħtieġ li niproteġu u niddefendu l-valuri fundamentali tagħna u l-istat tad-dritt fl-Unjoni tagħna u l-Istati Membri tagħna.

It-trasformazzjoni tal-kontinent tagħna tista' sseħħ biss bil-kunsens taċ-ċittadini tagħna. Ipprovdejna mezz biex isemmgħu leħinhom permezz tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Nibqgħu impenjati li nsegwu l-eżitu tal-Konferenza.

⁴ ĠU C 18I, 18.1.2021, p. 5–8.

It-twertiq u l-implimentazzjoni ser isiru fokus saħansitra aktar importanti hekk kif nersqu lejn nofs it-terminu taç-çiklu istituzzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar dan ser jgħin biex il-viżjoni tagħna għall-Ewropa tissarraf f'benefiçċji għall-ħajja ta' kuljum taç-çittadini. Din id-Dikjarazzjoni Konġunta għall-2022, li tibni fuq l-impemji u l-kisbiet tagħna tal-2021, tixhed ir-rieda komuni tagħna li nwettqu l-objettivi u l-prijoritajiet ta' politika tal-Konklużjonijiet Konġunti.

B'din id-Dikjarazzjoni Konġunta, qed nitfgħu l-açcent fuq il-proposti leġiżlattivi ewlenin⁵ li għalihom it-tliet istituzzjonijiet ser jiddedikaw l-aqwa sforzi tagħhom biex jiżguraw li jkun jista' jsir kemm jista' jkun progress qabel tmiem l-2022. Dan jikkonçerna kemm l-inizjattivi li bħalissa jinsabu f'idejn il-koleġiżlaturi, kif ukoll dawk li l-Kummissjoni Ewropea ser tressaq sal-ħarifa tal-2022.

It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li fl-2022 jagħtu l-ogħla prijorità lill-objettivi ta' politika ewlenin li għejjin:

1. Biex inwettqu strateġija ta' tkabbir soçjalment ġusta, inklużiva u sostenibbli, **il-Patt Ekoloġiku Ewropew**, u l-għan tiegħu ta' newtralità klimatika sal-2050, aħna ser immexxu 'l quddiem il-proposti diġà ppreżentati, b'mod partikolari l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55". Dan ser jikkontribwixxi għat-tmexxija tal-UE fil-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima. Ser nieħdu wkoll azzjoni biex nindirizzaw il-kriżi tal-bijodiversità u t-tniġġis tal-ilma u tal-arja, u biex niżguraw użu aktar sostenibbli tal-pestiçidi. Ser insaħħu d-dritt tal-konsumaturi li jsewwu l-prodotti sabiex nimxu 'l quddiem fit-tranżizzjoni lejn ekonomija çirkolari. Ser naħdmu biex is-suq tal-enerġija tal-UE isir aktar reżiljenti, aktar sigur u kosteffettiv sabiex isostni t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika, u ser nindirizzaw l-impatt tal-prezzijiet tal-enerġija fuq iç-çittadini u n-negożji.
2. Biex niksbu l-mira ta' **Ewropa lesta għall-era diġitali**, irridu niżguraw li dan id-deçennju jkun id-deçennju diġitali tal-Ewropa u nwittu t-triq globalment fl-iżvilupp ta' teknoloġija affidabbli, sigura u çcentrata fuq il-bniedem. Ser nagħtu prijorità lill-ħidma fuq is-servizzi diġitali u s-swieq diġitali, kif ukoll lill-intelliġenza artifiçjali, id-data u l-komunikazzjoni spazjali sigura. Ser naħdmu wkoll biex intejbu r-reżiljenza çibernetika. Bil-għan li nipromwovu ekonomija dinamika tad-data, ser inkomplu nsaħħu l-investment tal-Ewropa fil-kapaçità innovattiva u teknoloġika, inkluż fil-qasam tas-semikondutturi. Ser immexxu 'l quddiem id-diskussjonijiet dwar strument ta' emerġenza biex jiġi evitat tfixkil futur fis-suq

⁵ Skont il-Proçedura Leġiżlattiva Ordinarja.

uniku tal-Unjoni. Ser insegwu wkoll il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija industrijali, b'mod partikolari billi nindirizzaw id-dipendenzi f'oqsma strateġiċi ewlenin.

3. Biex nipprovdu **ekonomija għas-servizz tan-nies**, ser nġhaqqdu l-isforzi tagħna biex nappoġġaw aktar lill-Istati Membri fit-tiswija tal-ħsara ekonomika u soċjali li għabet magħha l-pandemija u niżguraw li l-foqra u dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħna ma jitħallewx lura. Ser nagħtu prijorità lill-implimentazzjoni konkreta tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-dikjarazzjoni tas-Summit ta' Porto, inkluż regoli biex il-ħaddiema jiġu protetti minn riskji relatati mal-esponiment għal sustanzi perikolużi, biex jittejjbu l-kundizzjonijiet għall-ħaddiema tal-pjattaformi u biex titneħħa d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi. Ser nagħmlu ħilitna biex intejbu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ. Ser nipromwovu l-inklużjoni soċjali u l-konverġenza, filwaqt li nirrispettaw għalkollox il-kompetenzi nazzjonali u l-varjetà tal-mudelli tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni, b'mod partikolari billi niddefendu pagi ġusti u impjiegi deċenti. Ser naħdmu biex insaħħu l-ktajjen tal-provvista tagħna u nipromwovu politika kummerċjali robusta. Ser nipromwovu sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli li tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u prattiki kummerċjali ġusti, kif ukoll ftehimiet kummerċjali ġodda. Ser naħdmu biex niffaċilitaw l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għal kapital u ser nistinkaw biex nikkompletaw l-unjoni bankarja. Wara l-ftehim internazzjonali storiku dwar ir-riforma tat-taxxa globali, nimpenjaw ruħna li niżguraw l-implimentazzjoni rapida u armonizzata tiegħu u li nibnu fuqu sabiex is-sistemi tat-taxxa korporattiva tagħna jaħdmu b'mod ġust u sod. Ser intejbu wkoll il-qafas regolatorju dwar il-governanza korporattiva sostenibbli u nindirizzaw il-ħasil tal-flus, il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u forom oħra ta' kriminalità finanzjarja.
4. Għal **Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja**, ser inkomplu nibnu sħubijiet ta' konnettività strateġiċi permezz tal-Portal Globali tal-UE. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-aġenda tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni, ser napprovaw il-Boxxla Strateġika u nistennew b'interess il-pakkett li jmiss dwar id-Difiża, inkluż il-pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża, u li nsaħħu l-protezzjoni tal-Unjoni tagħna kontra t-theddid ibridu. Ser naħdmu biex niskoraġġixxu s-sanzjonijiet extraterritorjali ta' pajjiżi terzi u niproteġu aħjar lill-operaturi tal-UE minn dawn is-sanzjonijiet billi nsaħħu r-Regolament dwar l-istatut ta' mblukkar.

5. Biex **nippromwovu l-istil ta' ħajja Ewropew tagħna**, ser inkomplu naħdmu biex nibnu Unjoni Ewropea tas-Saħħa soda biex insaħħu t-tnejn u r-reżiljenza tal-UE fil-konfront ta' kriżijiet tas-saħħa futuri. Nibqgħu impenjati li niksbu progress fir-rigward tal-Patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil bħala kwistjoni ta' urġenza. Ser naħdmu fuq ir-riforma taż-żona Schengen, inkluż permezz tat-tagħlim mislut mill-pandemija tal-COVID-19 u kriżijiet reċenti oħra, u niġġieldu kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

6. **Biex niproteġu u nsaħħu d-demokrazija tagħna madwar l-Unjoni u niddefendu l-valuri komuni Ewropej tagħna**, bl-użu tal-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħna, ser inkomplu niddefendu u niproteġu l-istat tad-dritt, f'konformità mat-Trattati. L-Istat tad-dritt huwa valur ċentrali tal-UE u huwa indispensabbli għall-funzjonament effettiv tal-Unjoni tagħna u tal-ordni ġuridiku tagħha. Ser niġġieldu biex nissalvagwardjaw il-libertà u l-pluraliżmu tal-media u l-protezzjoni tal-ġurnalisti. Ser naħdmu biex intejbu l-ugwaljanza, inkluż billi naġixxu fuq ir-rwol u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza, u biex nindirizzaw il-problema kontinwa tal-vjolenza kontra n-nisa.

Barra minn hekk, infakkru fl-impenn tagħna:

- li naħdmu biex neliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni u nippromwovu drittijiet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd;
- lejn l-implimentazzjoni kontinwa tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;
- lejn l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali vinkolanti lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda fi żmien debit, kif maqbul fil-Ftehim Interistituzzjonali;
- li ntejbu l-aċċess globali għall-vaċċini kontra l-COVID-19;
- li nsaħħu r-rwol tal-UE bħala attur dinji fiż-żoni ġeografiċi kollha, kif ukoll sħubijiet bilaterali u multilaterali;
- li nagħtu spinta ġdida lill-proċess ta' adeżjoni fl-interess strateġiku tal-Unjoni, f'konformità mal-metodoloġija msaħħa tat-tkabbir.

It-tliet istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jaħdmu fuq dawn il-prijoritajiet kondiviżi għall-2022 iggwidati mill-prinċipji ta' fiduċja reċiproka, rispett u spirtu kollaborattiv. Ser niżguraw ukoll implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-leġislazzjoni eżistenti.

Ser naħdmu b'determinazzjoni biex liċ-ċittadini tagħna nipprovdulhom Ewropa aktar ekoloġika, aktar ġusta, aktar b'saħħitha, aktar diġitali u aktar reżiljenti: Unjoni li ma tħalli lil ħadd lura, u li tiddefendi b'mod assertiv il-valuri ewlenin tagħha kemm 'il barra mill-UE kif ukoll ġo fiha.

Bħala l-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea, ser nimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni f'waqtha u effiċjenti ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.
